**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 ta' April 2016

Talba Numru: 832/2015

Numru fuq il-Lista: 2

**FM Core Condominium Administration Limited (C68910)**
f'isimha u għan-nom ta' Milner Grove Garages Association

**vs.**

**Marion Caruana u Ivan Caruana**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-19 t' Ottubru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' ħames mija u tletin ewro (€530.00), rappreżentanti kontribuzzjonijiet annwali tal-

partijiet komuni tal-kumpless Garages Milner Grove għas-snin 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitoli li ġew ippreżentati mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduhom, u għalhekk għandhom jittieħdu bħala mistqarra.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment iħallsu lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' ħames mija u tletin ewro (€530.00), bl-imgħax legali dekorribbli mid-19 t'Ottubru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuti.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur